MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 812/2005

**Talba Nru: 812/05PBC**

**Tommy Mizzi (ID no. 741953M)**

**Vs**

**Michelle Vella (ID no. 367682M) u Paul Mifsud (ID no. 48288M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm458) rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenuta Michelle Vella ai termini ta' skrittura privata datata 9

t'Awissu, 2004 u ghal liema obbligazzjoni deher bhala garanti l-konvenut Paul Mifsud.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm458), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------